

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2020/C 417/05)



Wiċċ nazzjonali tal-munita commemorattiva l-ġdida ta' żewġ euro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Greċja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' żewġ euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn commemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż tal-ħruġ: Il-Greċja

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: 2 500 sena mill-Battalja ta' Thermopylae

Id-deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri elmu Grieg tal-qedem. Imnaqqxa tul ix-xifer ta' ġewwa hemm il-kliem "2500 SENA MILL-BATTALJA TA' THERMOPYLAE" u "REPUBBLIKA ELLENIKA". Hemm minquxa wkoll fl-isfond is-sena tal-ħruġ "2020" u palmetta (il-marka taz-zekka taz-zekka Griega). Fuq il-lemin fil-qiegħ tal-elmu tidher il-monogramma tal-artist (George Stamatopoulos). Għalkemm spiċċat f'telfa għall-Griegi, il-Battalja ta' Thermopylae tibqa' simbolu mingħajr żmien ta' reżistenza erojka.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 750 000

Id-data tal-ħruġ: Jannar 2020

⁽¹⁾ Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).